II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 712/2010

tas-26 ta' Lulju 2010

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 53/2010 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 754/2009

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 53/2010 tal-14 ta' Jannar 2010 [1] jistabbilixxi għall-2010 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid.

(2) Fil-kuntest tal-Ftehim man-Norveġja dwar is-sajd, saru disponibbli għall-Unjoni 521 tunnellata oħra ta' merluzz fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II tal-ICES, kif ukoll 150 tunnellata ta' merlangu u 100 tunnellata ta' barbun tat-tbajja' fil-Baħar tat-Tramuntana. Barra minn hekk, ġew emendati l-arranġamenti għal-liċenzji għal bastimenti tal-UE li jistadu għall-kavalli fl-ilmijiet Norveġiżi. Dawn il-miżuri għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(3) Fil-laqgħa annwali tagħha fl-2009, l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) iddeċidiet li terġa' tiftaħ is-sajd għall-merluzz fiż-żona 3M tan-NAFO u għar-redfish fiż-żona 3LN tan-NAFO wara li ffissat moratorju ta' aktar minn għaxar snin. Ir-regoli dwar il-qabdiet inċidentali stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 53/2010 għaż-żewġ tipi ta' sajd li reġgħu nfetħu għandhom jiġu emendati sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mar-regoli ġenerali dwar il-qabdiet inċidentali applikabbli fiż-Żona Regolatorja tan-NAFO skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1386/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral [2].

(4) Fil-kuntest tal-Ftehim mal-Groenlandja dwar is-sajd, ġew emendati l-kondizzjonijiet għas-sajd tal-merluzz fl-ilmijiet tal-Groenlandja. Dawn l-emendi għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(5) Fil-laqgħa speċjali tiegħu li seħħet f'Madrid fl-24-26 ta' Frar 2010, il-Kumitat ta' Konformità tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn Atlantiku (ICCAT) naqqas il-kwota għat-tonn allokat lill-Unjoni Ewropea. Għalhekk, huwa meħtieġ li dawn id-dispożizzjonijiet ġodda jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(6) Fid-dawl tal-paragrafi 5 u 8 tal-Artikolu 5 u l-paragrafu 4 tal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 302/2009 li jistabbilixxi pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran [3] huwa meħtieġ li jiġi stabbilit l-għadd massimu u l-kapaċità totali f'tunnellaġġ gross ta' bastimenti tas-sajd għal kull Stat Membru li jista' jkun awtorizzat jistad għal, iżomm abbord, jittrażborda, jittrasporta, jew iħott l-art it-tonn, l-għadd massimu ta' nases tat-tonn li jistgħu jiġu awtorizzati minn kull Stat Membru, il-kapaċità massima ta' koltivazzjoni u tismin tat-tonn għal kull Stat Membru u l-input massimu ta' tonn maqbud mis-selvaġġ li kull Stat Membru jista' jalloka għall-istabbilimenti tal-akkwakultura tiegħu.

[1] ĠU L 21, 26.1.2010, p. 1.

[2] ĠU L 318, 5.12.2007, p. 1.

[3] ĠU L 96, 15.4.2009, p. 1.

(7) Fil-kuntest tal-istabbiliment ta' opportunitajiet tas-sajd u f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perijodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijie [1] il-Kunsill jista', abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u vvalutata mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), jeskludi ċerti gruppi ta' bastimenti mir-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit f'dak ir-Regolament, dment li tkun disponibbli dejta adegwata dwar qabdiet u rimi ta' merluzz tal-bastimenti kkonċernati, li l-perċentwal ta' qabdiet ta' merluzz ma jeċċedix 1,5 % tal-qabdiet totali għal kull grupp ta' bastimenti u li l-inklużjoni tal-grupp fir-reġim tal-isforz ikun jikkostitwixxi piż amministrattiv sproporzjonat għall-impatt ġenerali tiegħu fuq l-istokkijiet ta' merluzz. Il-Ġermanja pprovdiet informazzjoni dwar il-qabdiet ta' merluzz minn grupp ta' bastimenti li stadu għall-pollakkju (saithe) fil-Baħar tat-Tramuntana u fiż-żona fil-Punent tal-Iskozja bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'malji ta' 120 mm jew aktar.

L-Irlanda pprovdiet informazzjoni dwar il-qabdiet ta' merluzz minn grupp ta' bastimenti li stadu għan-Nephrops (Ksampu) fil-Baħar Irlandiż bi gradilja selettiva simili għal dik definita fl-Appendiċi 2 għall-Anness III mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 43/2009 tas-16 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi għall-2009 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid [2]. Franza pprovdiet informazzjoni dwar il-qabdiet ta' merluzz minn grupp ta' bastimenti li stadu għall-ispeċijiet tal-fond fil-Punent tal-Iskozja bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'malji ta' 110 mm jew aktar. Abbażi ta' dik l-informazzjoni kif ivvalutat mill-ISTECF, jista' jiġi stabbilit li l-qabdiet tal-merluzz, inkluż ir-rimi, minn dawk il-gruppi ta' bastimenti ma jaqbżux il-1,5 % tal-qabdiet totali tagħhom. Barra minn hekk, fid-dawl tal-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ stabbiliti, li jiżguraw il-monitoraġġ u l-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd ta' dawk il-gruppi ta' bastimenti u b'kont meħud tal-fatt li l-inklużjoni ta' dawn il-gruppi jkun jikkostitwixxi piż amministrattiv sproporzjonat għall-impatt ġenerali ta' dik l-inklużjoni fuq l-istokkijiet ta' merluzz, huwa adatt li dawk il-gruppi ta' bastimenti jiġu esklużi mir-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008, u b'hekk ikun possibbli li jiġu stabbiliti l-limiti tal-isforzi għall-Istati Membri kkonċernati kif meħtieġ.

(8) L-Artikolu 16(3) tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 ippermetta lill-Istati Membri jimmodifikaw l-allokazzjonijiet tal-isforzi tagħhom fl-2009 billi jittrasferixu l-isforz tas-sajd u l-kapaċità bejn iż-żoni ġeografiċi, dment li kienu jintlaħqu ċerti kondizzjonijiet. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Pajjiżi l-Baxxi rigward trasferimenti ta' ċertu ammont ta' sforz u ta' kapaċità mill-Baħar tat-Tramuntana għall-Baħar Irlandiż fl-2009, huwa xieraq li jiġi aġġustat l-isforz massimu permess allokat lill-Pajjiżi l-Baxxi, li jkun kif stabbilit fl-Appendiċi 1 għall-Anness IIA mar-Regolament (KE) Nru 53/2010.

(9) Ir-Regolament (UE) Nru 53/2010 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 754/2009 tas- 27 ta' Lulju 2009 li jeskludi ċerti gruppi ta' bastimenti mir-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 [3] għalhekk għandhom jiġu emendati kif meħtieġ.

(10) Ir-Regolament (UE) Nru 53/2010 japplika mill-1 ta' Jannar 2010. Iżda l-limiti tal-isforzi tas-sajd huma stabbiliti għal perijodu ta' sena li jibda mill-1 ta' Frar 2010. Sabiex tiġi segwita s-sistema ta' kull sena ta' rappurtar dwar l-opportunitajiet tas-sajd, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-limiti tal-qbid u l-allokazzjonijiet għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2010 u d-dispożizzjonijiet dwar il-limiti tal-isforzi tas-sajd mill-1 ta' Frar 2010. Tali applikazzjoni retroattiva ma tippreġudikax il-prinċipju taċ-ċertezza legali peress li l-opportunitajiet tas-sajd li għandhom jitnaqqsu għadhom ma ġewx eżawriti,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendament tar-Regolament (UE) Nru 53/2010

Ir-Regolament (UE) Nru 53/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 15*

Limitazzjonijiet fuq il-kapaċità tas-sajd, tal-koltivazzjoni u tat-tismin għat-tonn

1. L-għadd massimu ta' dgħajjes tal-UE tas-sajd bil-lixka u tas-sajd bir-rixa awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn bejn it-8 kg/75 ċm u t-30 kg/115 ċm fil-Lvant tal-Atlantiku għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 1 tal-Anness IV.

2. L-għadd massimu ta' dgħajjes tas-sajd kostali artiġjanali tal-UE awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn bejn it-8 kg/75 ċm u t-30 kg/115 ċm fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 2 tal-Anness IV.

3. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-UE li jistadu għat-tonn fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet ta' koltivazzjoni, awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn bejn it-8 kg/75 ċm u t-30 kg/115 ċm għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 3 tal-Anness IV.

[1] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 20.
[2] ĠU L 22, 26.1.2009, p. 1.
[3] ĠU L 214, 19.8.2009, p. 16.

4. L-għadd u l-kapaċità totali f'tunnellaġġ gross ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati li jistadu għal, iżommu abbord, jittrażbordaw, jittrasportaw, jew iħottu l-art tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran għandhom ikunu limitati kif stipulat fil-punt 4 tal-Anness IV.

5. L-għadd ta' nases involuti fis-sajd tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 5 tal-Anness IV.

6. Il-kapaċità tal-koltivazzjoni tat-tonn, il-kapaċità tat-tismin u l-input massimu ta' tonn maqbud mis-selvaġġ allokat għall-istabbilimenti tal-akkwakultura fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran għandhom ikunu limitati kif stipulat fil-punt 6 tal-Anness IV."

(2) L-Anness IA huwa emendat kif ġej:

(a) l-entrata għall-merlangu fiż-żona IV; l-ilmijiet tal-UE ta' IIa hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Merlangu *Merlangius merlangus*	**Żona:**	IV; l-ilmijiet tal-UE ta' IIa (WHG/2AC4.)
Belġju	240 (1)		
Danimarka	1 036 (1)		
Ġermanja	270 (1)		
Franza	1 557 (1)		
Pajjiżi l-Baxxi	599 (1)		
Svezja	2 (1)		
Renju Unit	7 490 (1)	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
UE	11 194 (2)		
Norveġja	640 (3)		
TAC	12 897		

(1) L-użu ta' din il-kwota huwa soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fil-punt 3 tal-Appendiċi għal dan l-Anness.
(2) Eskluża stima ta' 1 063 tunnellata ta' qbid inċidentali industrijali.
(3) Jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE. Qabdiet li jsiru fil-limitu ta' din il-kwota għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja.

Kondizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żona li ġejja:

	L-ilmijiet Norveġiżi ta' IV (WHG/*04N-)
UE	8 203"

(b) l-entrata għall-barbun tat-tbajja' fiż-żona IV; l-ilmijiet tal-UE ta' IIa, dik il-parti ta' IIIa li mhix koperta minn Skagerrak u Kattegat hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Barbun tat-tbajja' *Pleuronectes platessa*	**Żona:**	IV; l-ilmijiet tal-UE ta' IIa; dik il-parti ta' IIIa li mhix koperta minn Skagerrak u Kattegat (PLE/2A3AX4)
Belġju	3 671		
Danimarka	11 931		
Ġermanja	3 442		
Franza	688		
Pajjiżi l-Baxxi	22 946		
Renju Unit	16 979	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
UE	59 657		
Norveġja	4 168		
TAC	63 825		

Kondizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt fiż-żona li ġejja:

	L-ilmijiet Norveġiżi ta' IV (PLE/*04N-)
UE	24 439"

(ċ) l-entrata għall-kavalli fiż-żona IIIa u IV; l-ilmijiet tal-UE ta' IIa, IIIb, IIIc u IIId hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Kavalli *Scomber scombrus*	**Żona:**	IIIa u IV; L-ilmijiet tal-UE ta' IIa, IIIb, IIIc u IIId (MAC/2A34.)
Belġju	475		
Danimarka	12 529 (1)		
Ġermanja	495		
Franza	1 496		
Pajjiżi l-Baxxi	1 507		
Svezja	4 485 (2) (3)		
Renju Unit	1 395	TAC Analitiku L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
UE	22 382 (2) (4)		
Norveġja	103 374 (5)		
TAC	Mhux rilevanti		

(1) F'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li saret waqt il-laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri tas-Sajd fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2009 dwar is-sajd fl-ilmijiet Norveġiżi, jista' jinqabad ammont ta' 7 352 tunnellata, li jikkorrispondi mal-kwota mhux utilizzata fl-2009 fl-ilmijiet Norveġiżi ta' IV għal din l-ispeċi, flimkien ma' din il-kwota fl-ilmijiet tal-UE ta' din iż-żona TAC.

(2) Inklużi 242 tunnellata li għandhom jinqabdu f'ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N (MAC/*04N-).

(3) Waqt sajd f'ilmijiet Norveġiżi, qabdiet inċidentali ta' merluzz, haddock, pollakkju, merlangu u pollakkju (saithe) għandhom jinqatgħu mill-kwoti għal din l-ispeċi.

(4) Jistgħu jinqabdu wkoll fl-ilmijiet Norveġiżi ta' IVa.

(5) Għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja (kwota ta' aċċess). Dan l-ammont jinkludi s-sehem Norveġiż fit-TAC tal-Baħar tat-Tramuntana tal-ammont ta' 39 054 tunnellata. Din il-kwota tista' tinqabad f'IVa biss, minbarra 3 000 tunnellata li jistgħu jinqabdu fi IIIa.

Kundizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żoni li ġejjin:

	IIIa (MAC/*03 A.)	IIIa u IVbc (MAC/*3A4BC)	IVb (MAC/*04B.)	IVc (MAC/*04C.)	VI; l-ilmijiet internazzjonali ta' IIa mill-1 ta' Jannar sat-31 ta' Marzu 2010 u f'Diċembru 2010 (MAC/*2A6.)
Danimarka		4 130			5 360
Franza		490			
Pajjiżi l-Baxxi		490			
Svezja			390	10	1 697
Renju Unit		490			
Norveġja	3 000"				

(3) L-Anness IB huwa emendat kif ġej:

(a) l-entrata li tikkonċerna l-merluzz fiż-żona tal-ilmijiet tal-Groenlandja tan-NAFO 0 u 1; l-ilmijiet tal-Groenlandja ta' V u XIV hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Merluzz *Gadus morhua*	**Żona:**	l-ilmijiet tal-Groenlandja tan-NAFO 0 u 1; L-ilmijiet tal-Groenlandja ta' V u XIV (COD/N01514)
Ġermanja	1 636 (1) (2)		
Renju Unit	364 (1) (2)		
UE	2 500 (1) (2) (3)		
TAC	Mhux rilevanti	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

(1) Is-sajd għandu jsir fin-Nofsinhar ta' 62°N fil-Punent tal-Groenlandja.
(2) Il-bastimenti għandhom ikollhom osservatur xjentifiku abbord.
(3) Li minnhom 500 tunnellata huma allokati lin-Norveġja. Jistgħu jiġu mistada fin-Nofsinhar ta' 62°N fi XIV u Va u fin-Nofsinhar ta' 61°N fin-NAFO 1."

(b) l-entrata li tikkonċerna l-merluzz fiż-żona tal-ilmijiet Norveġiżi ta' I u II hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Merluzz *Gadus morhua*	**Żona:**	L-ilmijiet Norveġiżi ta' I u II (COD/1N2AB.)
Ġermanja	2 486		
Grecja	308		
Spanja	2 773		
Irlanda	308		
Franza	2 281		
Portugall	2 773		
Renju Unit	9 642	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 847/96 ma japplikax.	
UE	20 571		
TAC	Mhux rilevanti"		

(4) L-Anness IC huwa emendat kif ġej:

(a) l-entrata għall-merluzz fiż-żona 3M tan-NAFO hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Merluzz *Gadus morhua*	**Żona:**	NAFO 3M (COD/N3M.)
Estonja	61 (1) (2)		
Ġermanja	247 (1)		
Latvja	61 (1) (2)		
Litwanja	61 (1) (2)		
Il-Polonja	209 (1) (2)		
Spanja	796 (1)		
Franza	110 (1)		
Portugall	1 070 (1)		
Ir-Renju Unit	521 (1)		
UE	3 136 (1) (2)		
TAC	5 500 (1) (2)		

(1) Sajd dirett għall-merluzz fin-NAFO 3M għandu jkun permess sal-mument meta l-qabdiet stmati, inklużi l-qabdiet inċidentali, li għandhom jittieħdu fil-bqija tas-sena jkun ugwali għall-100 % tal-kwota allokata. Wara dik id-data, ikunu permessi biss qabdiet inċidentali sa massimu ta 1 250 kg jew 5 %, skont liema jkun l-akbar, fi ħdan il-kwota allokata lill-Istat Membru tal-Bandiera.

(2) Inklużi d-drittijiet tas-sajd tal-Estonja, tal-Latvja u tal-Litwanja ta' 61 tunnellata rispettivament f'konformità mal-ftehimiet ta' qsim għal dik li kienet l-Unjoni Sovjetika u l-allokazzjoni lill-Polonja ta' 209 tunnellati, kif adottati mill-Kummissjoni tas-Sajd NAFO fl-2003, wara l-adeżjoni tal-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja mal-Unjoni Ewropea."

(b) l-entrata għar-redfish fiż-żona 3LN tan-NAFO hija sostitwita b'dan li ġej:

„Speċi:	Redfish *Sebastes spp.*	**Żona:**	NAFO 3LN (RED/N3LN.)
Estonja	173 (1) (2)		
Ġermanja	119 (1)		
Latvja	173 (1) (2)		
Litwanja	173 (1) (2)		
UE	638 (1) (2)		
TAC	3 500 (1) (2)		

(1) Sajd dirett għar-redfish fin-NAFO 3LN għandu jkun permess sal-mument meta l-qabdiet stmati, inklużi l-qabdiet inċidentali, li għandhom jittieħdu fil-bqija tas-sena jkun ugwali għall-100 % tal-kwota allokata. Wara dik id-data, ikunu permessi biss qabdiet inċidentali sa massimu ta 1 250 kg jew 5 %, skont liema jkun l-akbar, fi ħdan il-kwota allokata lill-Istat Membru tal-Bandiera.

(2) Inklużi d-drittijiet tas-sajd tal-Estonja, tal-Latvja u tal-Litwanja ta' 173 tunnellata rispettivament f'konformità mal-ftehimiet ta' qsim għal dik li kienet il-Unjoni Sovjetika adottati mill-Kummissjoni tas-Sajd NAFO fl-2003, wara l-adeżjoni tal-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja mal-Unjoni Ewropea."

(5) Fl-Anness ID, l-entrata li tikkonċerna t-tonn fiż-żona tal-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, u l-Mediterran hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Tonn *Thunnus thynnus*	**Żona:**	L-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, u l-Mediterran (BFT/AE045 W)
Ċipru	70,18 (4)		
Greċja	130,30		
Spanja	2 526,06 (2) (4)		
Franza	2 021,93 (2) (3) (4)		
Italja	1 937,50 (4) (5)		
Malta	161,34 (4)		
Portugall	237,66		
Stati Membri kollha	2,41 (1)		
UE	7 087,38 (2) (3) (4) (5)		
TAC	13 500		

(1) Bl-eċċezzjoni ta' Ċipru, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Malta u l-Portugall u bħala qbid inċidentali biss.

(2) F'din it-TAC, il-limiti ta' qabdiet u l-allokazzjoni bejn l-Istati Membri li ġejjin għandhom japplikaw għall-qabdiet tat-tonn bejn 8 kg/75 ċm 30 kg/115 ċm mill-bastimenti msemmijin fil-punt 1 tal-Anness IV (BFT/*8301):

Spanja	367,23
Franza	165,69
UE	532,92

(3) F'din it-TAC, il-limiti ta' qabdiet u l-allokazzjoni bejn l-Istati Membri li ġejjin għandhom japplikaw għall-qabdiet tat-tonn li jiżen mhux inqas minn 6,4 kg jew li fih mhux inqas minn 70 ċm mill-bastimenti msemmijin fil-punt 1 tal-Anness IV (BFT/*641):

Franza	45 (*)
UE	45

(*) Din il-kwantità tista' tiġi riveduta mill-Kummissjoni fuq talba minn Franza, sa ammont ta' 100 tunnellata kif indikat bir-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 08-05.

(4) F'din it-TAC, il-limiti ta' qabdiet u l-allokazzjoni bejn l-Istati Membri li ġejjin għandhom japplikaw għall-qabdiet tat-tonn bejn 8 kg u 30 kg mill-bastimenti msemmijin fil-punt 2 tal-Anness IV (BFT/*8302):

Spanja	50,52
Franza	49,84
Italja	39,34
Ċipru	1,40
Malta	3,23
UE	144,34

(5) F'din it-TAC, il-limiti ta' qabdiet u l-allokazzjoni bejn l-Istati Membri li ġejjin għandhom japplikaw għall-qabdiet tat-tonn bejn 8 kg u 30 kg mill-bastimenti msemmijin fil-punt 3 tal-Anness IV (BFT/*643):

Italja	39,34
UE	39,34"

(6) L-Appendiċi 1 għall-Anness IIA huwa emendat kif ġej:

(a) Fit-tabella (b), il-kolonni li jikkonċernaw il-Ġermanja (DE) u l-Pajjiżi l-Baxxi (NL) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Irkaptu regolat	DE	NL
TR 1	1 269 111	371 757
TR 2	516 154	1 080 920
TR 3	3 501	48 508
BT 1	29 271	999 808
BT 2	1 691 253	34 743 212
GN	224 484	438 664
GT	467	0
LL	0	0"

(b) Fit-tabella (c), il-kolonna li tikkonċerna l-Irlanda (IE) hija sostitwita b'dan li ġej u l-kolonna li ġejja għall-Pajjiżi l-Baxxi (NL) hija miżjuda:

"Irkaptu regolat	IE	NL
TR 1	59 625	0
TR 2	778 729	0
TR 3	8 433	0
BT 1	0	0
BT 2	514 584	200 000
GN	18 255	0
GT	0	0
LL	0	0"

(ċ) Fit-tabella (d), il-kolonni li jikkonċernaw il-Ġermanja (DE) u Franza (FR) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Irkaptu regolat	DE	FR
TR 1	11 151	2 685 733
TR 2	0	7 415
TR 3	0	0
BT 1	0	7 161
BT 2	0	13 211
GN	35 442	400 503
GT	0	0
LL	0	54 917"

(7) L-Anness III huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS III

Limiti kwantitattivi ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għal bastimenti tal-UE li jistadu f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi

Żona ta' sajd	Sajd	Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Allokazzjoni ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd fost l-Istati Membri	Għadd massimu ta' bastimenti preżenti f'kull ħin
Ilmijiet Norveġiżi u ż-żona tas-sajd madwar Jan-Mayen	Aringi fit-Tramuntana ta' 62°00′ N	93 (1)	DK: 32, DE: 6, FR: 1, IE: 9, NL: 11, PL: 1, SV: 12, UK: 21	69
	Speċijiet demersali, fit-Tramuntana ta' 62°00′ N	80 (1)	DE: 16, IE: 1, ES: 20, FR: 18, PT: 9, UK: 14	50
	Kavalli	97 (2)	DK: 15, DE: 4, FR: 2, IE: 23, NL: 11, SE: 6, UK: 36	70
	Speċijiet industrijali, fin-Nofsinhar ta' 62°00′ N	480 (1)	DK: 450, UK: 30	150
L-ilmijiet tal-Gżejjer Faroe	Is-sajd kollu bit-tkarkir b'bastimenti ta' mhux aktar minn 180 pied fiż-żona bejn 12 u 21 mil mil-linji ta' bażi tal-Gżejjer Faroe	26	BE: 0, DE: 4, FR: 4, UK: 18	13
	Sajd maħsub għall-merluzz u l-haddock bid-daqs minimu tal-malja ta' 135 mm, ristrett għaż-żona fin-Nofsinhar ta' 62°28′ N u fil-Lvant ta' 6°30′ W	8 (3)		4
	Sajd bit-tkarkir 'il barra minn 21 mil mil-linji bażi tal-Gżejjer Faroe. Fil-perijodi mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Mejju u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, dawn il-bastimenti jistgħu joperaw fiż-żona bejn 61°20′ N u 62°00′ N u bejn 12 u 21 mil mil-linji ta' bażi.	70	BE: 0, DE: 10, FR: 40, UK: 20	26
	Sajd bit-tkarkir 'il barra minn 21 mil mil-linji bażi tal-Gżejjer Faroe. Fil-perijodi mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Mejju u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, dawn il-bastimenti jistgħu joperaw fiż-żona bejn 61°20′ N u 62°00′ N u bejn 12 u 21 mil mil-linji ta' bażi.	70	DE: 8 (4), FR: 12 (4), UK: 0 (4)	20 (5)
	Sajd bit-tkarkir maħsub għall-pollakkju (saithe) bid-daqs tal-malja minimu ta' 120 mm u bil-possibilità li jintużaw ċineg fit-tond madwar ix-xkora taxxibka.	70		22 (5)
	Sajd għall-istokkafixx. L-għadd totali ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd jista' jiżdied b'erba' bastimenti sabiex jiffurmaw pari, jekk l-awtoritajiet tal-Gżejjer Faroe jintroduċu regoli speċjali dwar l-aċċess għal żona li tissejjaħ 'iż-żona ewlenija tas-sajd għall-istokkafixx'.	36	DE: 3, DK: 19, FR: 2, FR: 5, UK: 5	20
	Sajd bix-xlief	10	UK: 10	36
	Kavalli	12	DK: 12	12
	Aringi fit-Tramuntana ta' 61°N	21	DK: 7, DE: 1, IE: 2, FR: 0, NL: 3, SV: 3, UK: 5	21

(1) L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-attivitajiet tas-sajd f'dawn l-ilmijiet tista' tingħata biss mis-26 ta' Jannar 2010.
(2) L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-attivitajiet tas-sajd f'dawn l-ilmijiet tista' tingħata biss mill-4 ta' Ġunju 2010.
(3) Wara r-Rekord Maqbul tal-1999, il-figuri għas-sajd maħsub għall-merluzz u għall-haddock huma inklużi fil-figuri għal 'Is-sajd bit-tkarkir kollu b'bastimenti ta' mhux aktar minn 180 pied fiż-żona bejn 12 u 21 mil-linji ta' bażi tal-Gżejjer Faroe'.
(4) Dawn il-figuri jirreferu għall-għadd massimu ta' bastimenti preżenti f'kull ħin.
(5) Dawn il-figuri huma inklużi fil-figuri għas-'Sajd bit-tkarkir 'il-barra minn 21 mil mil-linji ta' bażi tal-Gżejjer Faro'."

(8) L-Anness IV huwa emendat kif ġej:

(a) it-tabella fil-punt 2 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Spanja	139
Franza	86
Italja	35
Ċipru	25
Malta	83
UE	368"

(b) il-punti li ġejjin huma miżjuda:

"(4) L-għadd massimu u l-kapaċità totali f'tunnellaġġ gross ta' bastimenti tas-sajd ta' kull Stat Membru li jistgħu jkunu awtorizzati jistadu għal, iżommu abbord, jittrażbordaw, jittrasportaw jew iħottu l-art tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran

Tabella A

Għadd ta' bastimenti tas-sajd						
	Ċipru	Il-Greċja	L-Italja	Franza	Spanja	Malta
Bastimenti tas-sajd bit-tartarun	1	1	24	19	6	0
Bastimenti tas-sajd bil-konz	12	0	30	0	81	83
Dgħajsa tas-sajd bil-lixka	0	0	0	8	61	0
Xolfa tal-idejn	0	0	0	29	2	0
Bastiment tat-tkarkir	0	0	0	78 (**)	0	0
Sajd artiġjanali ieħor	0	256 (*)	0	87	33	0

(*) Bastimenti polivalenti, li jużaw diversi tipi ta' rkaptu (konzijiet, xolfa tal-idejn, xolfa bir-rixa)
(**) **Li minnhom 8 bastimenti huma użati bħala bastimenti tas-sajd bil-konz.**

Tabella B

Kapaċità totali f'tunnellaġġ gross						
	Ċipru	Il-Greċja	L-Italja	Franza	Spanja	Malta
Bastimenti tas-sajd bit-tartarun	51	260	(*)	4 826	1 608	0
Bastimenti tas-sajd bil-konz	409	-	1 196	0	4 416,73	1 365,64
Dgħajsa tas-sajd bil-lixka	-	-	-	243	10 335,58	0
Xolfa tal-idejn	-	-	-	1 436	20,96	0
Bastiment tat-tkarkir	-	-	-	9 212	0	0
Sajd artiġjanali ieħor	-	3 343,21 (**)	-	943	489,83	0

(*) Twaqqif temporanju tal-attivitajiet fl-2010
(**) Bastimenti polivalenti, li jużaw diversi tipi ta' rkaptu (konzijiet, xolfa tal-idejn, xolfa bir-rixa)

(5) Għadd massimu ta' nases awtorizzati għall-użu fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran għas-sajd tat-tonn minn kull Stat Membru

	Għadd ta' nases
Spanja	6
Italja	6
Portugall	1

(6) Il-kapaċità massima ta' koltivazzjoni u ta' tismin tat-tonn għal kull Stat Membru u l-input massimu ta' tonn maqbud mis-selvaġġ li kull Stat Membru jista' jalloka lill-istabbilimenti tiegħu tal-akkwakultura fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran

Tabella A

	Kapaċità massima tal-koltivazzjoni u tismin tat-tonn	
	Għadd ta' stabbilimenti tal-akkwakultura	Kapaċità (f'tunnellati)
Spanja	14	11 852
Italja	15	13 000
Greċja	2	2 100
Ċipru	3	3 000
Malta	8	12 300

Tabella B

	Input massimu ta' tonn maqbud mis-salvaġġ (f'tunnellati)
Spanja	5 855
Italja	3 764
Greċja	785
Ċipru	2 195
Malta	8 768"

Artikolu 2

Emendament tar-Regolament (KE) Nru 754/2009

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 754/2009, il-punti li ġejjin huma miżjuda:

"(f) il-grupp ta' bastimenti tal-ibħra miftuħa li jtajru l-bandiera tal-Ġermanja, parteċipanti fis-sajd indikat fit-talba mill-Ġermanja tas-26 ta' Marzu 2010 kif kompletata minn ittri li jġibu d-dati tad-9 ta' April u tal-20 ta' Mejju 2010, li jistadu għall-pollakkju (saithe) fil-Baħar tat-Tramuntana, fl-ilmijiet tal-UE taż-Żona IIa tal-ICES u fiż-żona fil-Punent tal-Iskozja bi xbieki tat-tkarkir b'malji ta' 120 mm jew akbar;

(g) il-grupp ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda, parteċipanti fis-sajd indikat fit-talba tal-Irlanda tas-26 ta' Marzu 2010, li jistadu fil-Baħar Irlandiż matul il-perijodu li fih dawn il-bastimenti jistadu biss għall-Ksampu bi gradilja selettiva simili għal dik definita fl-Appendiċi 2 għall-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 43/2009;

(h) il-grupp ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza, parteċipanti fis-sajd indikat fit-talba minn Franza li ġġib id-data tal-24 ta' Marzu 2010, kif kompletata minn ittri li jġibu d-dati tal-25 ta' Marzu, id-29 ta' Marzu, it-8 ta' April u l-20 ta' Mejju 2010, li jistadu għall-ispeċijiet tal-fond fiż-żona fil-Punent tal-Iskozja bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'malji ta' 110 mm jew akbar.".

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punti (1) sa (5) u (8) tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2010.

Il-punt (6) tal-Artikolu 1 kif ukoll l-Artikolu (2) għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2010.

Għall-Kunsill
Il-President
S. VANACKERE